# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 7**

**Citazzjoni Nru: 27/14 AL**

**Martina u Keith aħwa Farrugia flimkien ma' ommhom Mariella Azzopardi ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Carmel sive Charles Farrugia**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja, fit-22 ta' Marzu 2016, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi [1] iddikjarat li l-atturi Martina u Keith ahwa Farrugia ghandhom dritt ghal manteniment minghand il-genituri taghhom stante li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mil-ligi; [2] iddikjarat li l-konvenut sa issa ma

kkontribwixxa xejn ghall-manteniment ta' uliedu mindu dawn ghalqu t-tmintax-il sena; [3] iddikjarat illi l-konvenut huwa responsabbli li jhallas manteniment ghal imsemmija uliedu; [4] ordnat lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici Mariella Azzopardi ghall-attur Keith Farrugia fis-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat, liema manteniment ghandu jizdied kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja u li jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild u ordnat ukoll li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut lill-attrici Mariella Azzopardi sakemm l-attur jibqa' jistudja fuq bazi full-time jew sakemm jilhaq l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita` ssehh l-ewwel, u f'kaz li l-attur ma jibqax jghix mal-attrici ommu allura l-manteniment dovut jibda jithallas direttament lilu u, [5] laqghet il-hames talba u ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici Mariella Azzopardi arretrati ta' manteniment ghall-ulied Martina u Keith Farrugia fl-ammont ta' sebat elef mitejn u hamsin Ewro (€7,250). Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Mertu**

2. Jirrizulta illi l-attrici Mariella Azzopardi kienet mizzewga lill-konvenut u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li huma l-atturi l-ohrajn Martina u Keith ahwa Farrugia. Il-konjugi kienu isseparaw a mensa et thoro permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras

tas-6 ta' Frar 1997[1] izda sussegwentement iz-zwieg in kwistjoni kien gie dikjarat null permezz ta' sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku tat-8 ta' Ottubru 2004 registrata civilment permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru 2005[2]. L-attrici Martina Farrugia ghalqet l-eta ta' tmintax (18) il-sena fil-13 ta' Frar 2010 filwaqt li huha l-attur Keith Farrugia ghalaq l-eta` ta' tmintax (18) il-sena fid-19 ta' April 2013.

3. Ghalkemm ghalqu t-tmintax-il sena, l-atturi Martina u Keith ahwa Farrugia baqghu jirrisjedu ma' ommhom l-attrici Mariella Azzopardi u huma dipendenti fuqha. Permezz tal-odjerni proceduri, l-atturi inter alia jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li Martina u Keith ahwa Farrugia ghandhom dritt ghal manteniment minghand il-genituri taghhom in kwantu ghalkemm ghalqu t-tmintax-il sena huma ghadhom studenti full-time, kif ukoll sabiex tistabilixxi l-ammont dovut mill-konvenut in linea ta' manteniment u tikkundannah ihallas tali retta alimentarja, inkluz l-arretrati minn mindu l-atturi Martina u Keith ghalqu t-tmintax-il sena.

**Is-Sentenza Appellata**

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

---

[1] Dok A a fol. 4
[2] Dok E a fol. 13

"Illi il-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-manteniment ta' l-atturi Martina Farrugia u Keith Farrugia u dan wara li huma lahqu l-eta ta' tmintax-il sena izda ghadhom qed jistudjaw fuq bazi *full-time.* It-talba qed issir anke minn Mariella Azzopardi li tigi omm l-atturi l-ohra li tghid li hi tipprovdi ghall-ghixien ta' uliedha.

"Il-konvenut fir-risposta tieghu jghid li din il-kawza hija monka peress li l-medjazzjoni giet intavolata mill-attrici Mariella Azzopardi biss u mhux mill-atturi l-ohra, u li l-atturi kellhom jippruvaw li huma ghadhom qed jippartecipew fl-edukazzjoni u li l-likwidazzjoni tal-manteniment ghandha tkun bazata fuq il-mezzi taz-zewg genituri.

"**Verzjoni ta' l-atturi**

"L-attrici Mariella Azzopardi xehdet permezz ta' affidavit[3] u ipprezentat prospett ta' l-ammont ta' flus li qed thallas ghat-tfal. Ipprezentat ukoll kopja ta' FS3 li juri kemm ghandha dhul hi personalment. L-attrici ipprezentat ukoll zewg *search forms* tar-registru tal-kumpaniji li juru li l-konvenut huwa *shareholder* ta' zewg kumpaniji. Hi tghid li ma tafx kemm jaqla l-konvenut, pero' taf li dejjem kellu karozzi lussuzi. Hi tikkonferma li uliedha l-atturi l-ohra jghixu ma' l-attrici fir-residenza taghha u s'issa dejjem ipprovdiet ghalihom hi u dan peress li l-konvenut waqaf ihallas manteniment ghal uliedhom meta ghalqu t-tmintax-il sena.

"L-attrici Martina Farrugia xehdet permezz t'affidavit[4] u qalet li hija tghix ma' ommha Mariella Azzopardi, hija studenta l-Universita' *full-time* u qeghda tistudja ghal-lawreja ta' B.A. (Tourism Studies). Hija tiddikjara li taqla' l-ammont ta' €85.45 fix-xahar bhala stipendju u dan tuzah ghal skopijiet personali, izda ghar-rigward ta' ikel, hwejjeg, medicina u kull ma jonqos dawn tipprovdihom ommha Mariella Azzopardi[5].

"L-attur Keith Farrugia xehed ukoll permezz t'affidavit[6] u jghid li hu student *full-time* fl-Universita' ta' Malta u qieghed jistudja ghal-lawreja ta' B.Sc (Earth Systems) u ghandu wkoll stipendju fl-ammont ta' €85.45 fix-xahar li juzah ghal skopijiet personali tieghu. Ghal dak li jirrigwarda ikel, hwejjeg, medicina u affarijiet ohra, dawn tipprovdihom ommu l-attrici Mariella Azzopardi.

"**Verzjoni tal-konvenut**

[3] Ezebit a fol 20 tal-process
[4] Ezebit a fol 28 tal-process
[5] Fil-gurnata meta sar l-affidavit a fol 28, u cioe' l-20 ta' Marzu 2014 l-attrici Martina Farrugia tghid li kellha 22 sena
[6] Ezebit a fol 29 tal-process

“Il-konvenut ma xehedx u lanqas gab provi f’dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti m’ghandiex il-verzjoni tieghu tal-fatti.

“**<u>Il-Provi Migbura</u>**

“L-atturi pprezentaw il-kuntratt ta’ separazzjoni li sar bejn Mariella Azzopardi u l-konvenut, datat 6 ta’ Frar 1997 fl-atti tan-Nutar Dr Rosella Sciberras[7].

“Gie pprezentat ukoll certifikat tat-twelid ta’ l-attrici Martina Farrugia li twieldet fit-13 ta’ Frar 1992[8] u li ghalhekk illum ghandha erbgha u ghoxrin (24) sena.

“Gie pprezentat ukoll certifikat tat-twelid ta’ l-attur Keith Farrugia li twieled fid-19 ta’ April 1995[9] u li ghalhekk illum ghandu ghoxrin (20) sena.

“Gie pprezentat ukoll certifikat taz-zwieg ta’ bejn Mariella Azzopardi u l-konvenut liema zwieg sehh fl-14 t’April 1991[10].

“L-attrici Mariella Azzopardi pprezentat prospett ta’ kemm nefqet flus biex ipprovdiet ghall-mantaniment ta’ l-atturi l-ohra, uliedha[11]. Hija ghamlet dawn l-ispejjez ghas-sena 2013:

“Ikel - €4757
“Medicina - €790.18
“Hwejjeg - €1338.57
“Vjaggi - €2291
“Utilitajiet - €1476.50
“Affarijiet ohra - €2787.60

“L-attrici Mariella Azzopardi pprezentat ukoll l-FS3 taghha ghas-sena 2013[12] u jirrizulta li hija qalghet l-ammont ta’ €22,446 gross f’sena, giet ipprezentata wkoll FS3 taghha ghas-sena 2012[13] u jirrizulta li hija qalghet l-ammont ta’ €22,446 gross f’sena, giet ipprezentata ukoll FS3

[7] Immarkat Dok A u ezebit a fol 4 tal-process
[8] Immarkat Dok B u ezebit a fol 10 tal-process
[9] Immarkat Dok C u ezebit a fol 11 tal-process
[10] Immarkat Dok E u ezebit a fol 13 tal-process
[11] Immarkat Dok A u ezebit a fol 21 tal-process
[12] Immarkat Dok B u ezebit a fol 22 tal-process
[13] Immarkat Dok C u ezebit a fol 23 tal-process

ghas-sena 2011[14] u jirrizlta li l-attrici azzopardi qalghet l-ammont ta' €22,446 gross fis-sena.

"L-attrici Mariella Azzopardi ezebiet ukoll informazzjoni mahruga mill-MFSA[15] li turi li l-konvenut huwa *share holder* fil-kumpanija *Plexus Limited* u *share holder* fil-kumpanija *Dynamic Arts Limited.*

"Giet ipprezentata wkoll email [16] mibghuta mir-Registratur ta' l-Universita' ta' Malta lill-attur Keith Farrugia datata 6 t'Ottubru 2014 u li turi li l-istess attur ghadu jistudja fl-Universita'. L-attur Keith Farrugia juri wkoll permezz ta' document li hallas xi flus biex ikompli l-istudji tieghu ghas-sena 2014/2015[17]. Email ohra li giet ipprezentata[18] kienet dik mibghutha mir-Registratur ta' l-Universita' ta' Malta lill-attrici Martina Farrugia datata 3 t'Ottubru 2011 li turi li l-istess attrici kienet tistudja fl-Universita' ta' Malta. L-atturi ipprezentaw ukoll ittra mibghuta lill-attrici Martina Farrugia mir-rettur ta' l-Universita' ta' Malta li hija datata 31 ta' Ottubru 2014[19] li turi li l-attrici Martina Farrugia spiccat l-istudji taghha fl-Universita' ta' Malta.

"**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut</u>**

"Illi l-konvenut eccepixxa li dawn il-proceduri huma monki stante li l-proceduri tal-medjazzjoni kienu intavolati minn Mariella Azzopardi biss, omm it-tfal u l-kawza odjerna giet intavolata mill-omm innifisha flimkien ma' uliedha Martina u Keith Farrugia.

"Primarjament il-Qorti tirrileva li l-konvenut ma tella' l-ebda provi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni.

"Fi kwalunkwe kaz, din l-eccezzjoni hija direttament marbuta ma' l-Avviz Legali 397 tas-sena 2003. Dan l-avviz legali jirregola l-medjazzjoni li hija procedura mandatarja qabel persuna tista' tittenta kawza quddiem din il-Qorti. Ir-regolamenti 4 u 9 ta' dan l-avviz jiccaraw ezattament min huma l-persuni li ghandhom juzaw il-medjazzjoni ai termini ta' dan l-avviz. Ir-regolament 4 jaghmel uzu tal-kelma *"konjugi"* u dan ir-regolament japplika ghall-ewwel tentattiv ta' medjazzjoni biex jintlahaq ftehim li jwassal ghal kuntratt ta' separazzjoni bonarju. Ir-regolament 9(1) ta' dan l-avviz jghid is-segwenti:

[14] Immarkat Dok D u ezebit a fol 24 tal-process
[15] Immarkati Dok E u Dok F u ezebiti a fol 25 u fol 26 tal-process
[16] Immarkata Dok MF1 u ezebita a fol 45 tal-process
[17] Immarkata Dok MF2 u ezebita a fol 46 tal-process
[18] Immarkata Dok MF3 u ezebita a fol 47 tal-process
[19] Immarkata Dok MFX u ezebita a fol 51 tal-process

> “*(1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:*
> “*(a) nuqqas ta’ qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta’ wliedhom; jew*
> “*(b) manteniment bejn il-konjugi; jew*
> “*(c) bidliet f’kull haga regolata minn sentenza ta’ firda personali jew minn kuntratt ta’ firda personali; jew*
> “*(d) tibdil fi ftehim dwar kull [a;a msemmija fil-paragrafu (a) ta’ dan is-subregolament;*
> *dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x’inhi t-talba taggha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m’hemm f’dik id-diposizzjoni.*

“L-Avviz Legali huwa car u din il-Qorti hi tal-fehma li l-procedura tal-medjazzjoni m’hix intiza biex tigi intavolata mill-ulied maggorenni kontra l-genituri taghhom.

“Ghalhekk din l-eccezzjoni ma jisthoqqiliex li tigi milqugha.

“**Manteniment**

“Illi l-Qorti tirrileva li l-konvenut fl-ebda mument ma ikkontesta l-provi migjuba quddiemha mill-attur u irrizulta li t-tfal maggorenni Martina u Keith Farrugia, ghexu ma ommhom Mariella Azzopardi ghaz-zmien kollu kemm damu jistudjaw u kienet dejjem l-attrici Mariella Azzopardi li ipprovdiet ghalihom u ghall-ghixien taghhom. Ghalhekk il-Qorti fic-cirkostanzi thoss li ghandha tillikwida manteniment fil-konfront ta’ dawn l-ulied, in vista tas-sagrificcji li ghamlet l-istess attrici Azzopardi biex tat ic-cans lil uliedha illi jistudjaw.

“F’dan il-kuntest il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3(1) u (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid:

> *“(1) Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.*
>
> *(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

> *(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*
> *(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Kap. 413. Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali."*

"ghall-Artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta:

> "*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta'l-ulied*."

> u ghall-artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

> "*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

"Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment ta' l-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-genturi versu l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u edukazzjoni taghhom u skont il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta' l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, ma ghandna l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut. It-tfal huma prijorita u jigu l-ewwel u qabel kollox u irrispettivament minn jekk il-konvenut ghandux qliegh *o meno* din il-Qorti ser tghaddi biex tistabilixxi retta alimentarja li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghal-uliedhom Martina u Keith Farrugia.

"Il-Qorti tinnota li l-attrici Martina Farrugia spiccat l-istudji taghha fis-sena 2014 u dan peress li hija iggradwat f'Ottubru 2014, skont l-ittra mibghutha lilha mir-Rettur ta' l-Universita' ta' Malta, u ghalhekk dan il-manteniment se jigi ikkalkulat sa din id-data. Rigward l-attur Keith Farrugia, ma jirrizultax li waqaf jistudja u ghalhekk il-Qorti temmen,

salv prova kontrarja, li huwa ghadu ghaddej bl-istudju tieghu.

"Fir-rigward tat-tifel Keith Farrugia il-Qorti thoss li jkun ewku u gust li l-konvenut jigi ordnat li jhallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghalih lil Mariella Azzopardi, stante li t-tfal ghadhom jghixu maghha. Jigi rilevat li tali manteniment jinkludi fih spejjez relattivi mas-sahha u edukazzjoni ta' l-istess wild. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi jkun aktar prattiku li l-konvenut ihallas somma fissa fix-xahar milli jhallas nofs l-ispejjez ta' sahha u l-edukazzjoni bir-ricevuti, stante li ma jidhirx li l-partijiet ghandhom hafna kuntatt bejniethom u ghalhekk tali arrangament ma jkunx wiehed prattiku. Il-Qorti tordna li dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-wild Keith jibqa' jistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut lill-attrici Mariella Azzopardi sakemm l-istess wild Keith jieqaf jistudja fuq bazi full-time jew jilhaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba. Dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

"Rigward it-talba ghall-arretrati ta' manteniment, il-Qorti se tghaddi biex tuza' l-kalkolu minnha diga' prefiss ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat ta' din il-kawza, sad-data ta' din is-sentenza fir-rigward tal-wild Keith u sa' Ottubru 2014 fir-rigward tal-wild Martina.

"Illi din il-kawza giet intavolata fit-18 ta' Frar 2014.

"Ghalhekk fir-rigward tal-wild Keith, mid-data tat-18 ta' Frar 2014 sad-data tat-22 t'Marzu 2016[20] ghaddew mija u disa' (109) gimghat, u ghalhekk l-arretrati ta' manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lil Mariella Azzopardi huma fl-ammont ta' hamest elef erba' mija u hamsin Ewro (€5450), u fir-rigward tal-wild Martina, mid-data tat-18 ta' Frar 2014 sal-31 t'Ottubru 2014 ghaddew sitta u tletin (36) gimgha u ghalhekk l-arretrati ta' manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lil Mariella Azzopardi huma fl-ammont ta' elf u tmien mitt Ewro (€1800). Ghaldaqstant, it-total ta' arretrati ta' manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lil Mariella Azzopardi fil-konfront ta' uliedu huwa ta' sebat elef mitejn u hamsin Ewro (€7250).

[20] Data ta' din is-sentenza

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell tieghu pprezentat fil-11 ta' April 2016, il-konvenut iressaq zewg ilmenti principali li jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] illi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tieghu jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat, kemm meta rriteniet li hu ma ressaq ebda provi, kif ukoll meta rriteniet li l-ligi ma tipprospettax il-procedura ta' medjazzjoni ghall-vertenzi bejn l-ulied u l-genituri taghhom u, [2] illi l-ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li ghandha tingieb l-ahjar prova, in kwantu kellu jirrizultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-ahjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time.

6. Ghalhekk qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tichad it-talbiet kollha sollevati mill-atturi, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellant fl-intier taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

7. Fir-risposta tal-appell taghhom ipprezentata fit-12 ta' Mejju 2016, l-atturi, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, jissottomettu illi jidher evidenti li l-appell odjern huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u li l-aggravji huma inattendibbli u ghandhom jigu michuda, kif ghandu jigi michud l-istess appell bl-ispejjez kontra l-appellant.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel Aggravju*

8. Dan jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, li taqra hekk:

> "… … … Illi fl-ewwel lok it-talbiet tar-rikorrenti huma monki stante illi l-proceduri ta' medjazzjoni kienu intavolati minn Mariella Azzopardi biss li hija omm it-tfal u l-kawza odjerna giet intavolata mill-omm nnifisha flimkien ma' uliedha Martina u Keith Farrugia."

9. Il-konvenut jilmenta mill-fatt illi l-ewwel eccezzjoni li ressaq ma kinitx ezaminata korrettament mill-ewwel Qorti. In succint, jghid li hu qatt ma eccepixxa li l-procedura ta' medjazzjoni kellha tigi intavolata mill-ulied maggorenni kontra l-genituri taghhom izda li l-kawza odjerna kellha tigi ntavolata f'isem l-omm biss, u dan stante illi l-genitur li mieghu jkunu qeghdin jirrisjedu l-ulied ikun sofra u qed isofri l-ispejjez kollha sabiex jghajjex lit-tfal. Huwa fisser hekk dan l-aggravju:

> "[Hu] qatt ma ecepixxa illi l-procedura ta' medjazzjoni kellha tigi intavolata mill-ulied maggorenni kontra l-genituri taghhom IZDA illi l-kawza odjema qatt ma kellha tkun intavolata fl-ismijiet tal-omm Mariella [Azzopardi] u l-ulied ahwa Keith u Martina u dan peress illi l-manteniment ghall-ulied ghandu jkun ivversat lill-omm u mhux lill-ulied u ghaldaqstant l-ahwa Keith u Martina Farrugia qatt ma setghu jintavolaw kawza kontra genitur taghhom, f'dan il-kaz [il-konvenut] missier, sabiex jivversa manteniment favur taghhom. Il-kawza kellha tkun intavolata f'isem l-omm biss, u cioe` Mariella Azzopardi kontra l-esponenti ghat-talba tal-manteniment ghal uliedhom Keith u Martina ahwa Farrugia u dan stante' illi l-genitur li jkunu qeghdin jirrisjedu mieghu l-ulied ikun

nefaq jew qieghed jonfoq il-flus sabiex jghajjex lit-tfal. Ghaldaqstant l-ulied, ghalkemm mhux minuri, ma setawx jintavolaw kawza kontra genitur taghhom sabiex jivversa manteniment a favur taghhom, izda l-omm kellha taghmel dan wahedha stante' illi hija kienet qieghda tmantni lill-uliedhom."

10. L-atturi jwiegbu ghal dan l-aggravju bis-segwenti osservazzjonijiet: [1] li l-procedura ta' medjazzjoni kif koncepita mir-regolamenti citati fis-sentenza appellata tikkontempla l-procedura tal-medjazzjoni bejn il-genituri biss u ma tinkludiex il-partecipazzjoni tal-ulied; [2] li l-Artikolu 3B tal-Kodici Civili huwa car fis-sens li, fic-cirkostanzi kontemplati fl-istess artikolu, il-manteniment hu dovut lill-ulied u mhux lill-genitur l-iehor li jkunu qeghdin jghixu mieghu; [3] li fil-kaz odjern il-proceduri saru wkoll mill-attrici Mariella Azzopardi ghax din ghandha interess guridiku biex tippromwovi l-kawza, ghax l-inadempjenza tal-konvenut fl-obbligu tieghu li jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-ulied titfa' aktar piz fuqha li allura jkollha tohrog l-ispejjez kollha hi ghas-sosteniment tat-tfal. Barra minn hekk, din l-attrici qed titlob ukoll il-hlas tal-arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut ghaz-zmien meta l-ulied kienu ghadhom minuri.

11. Din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

12. Illi kif korrettment osservat mill-ewwel Qorti, l-Avviz Legali 397 tas-sena 2003 jikkontempla l-procedura tal-medjazzjoni bejn il-genituri biss u mhux ukoll bejn l-ulied maggjorenni u l-genituri. Barra minnhekk l-Artikolu 3B tal-Kodici Civili jaghti dritt lill-ulied maggjorenni sabiex, fil-

kaz li jkkonkorru c-cirkostanzi hemm kontemplati, jipprocedu huma direttament kontra l-genituri taghhom.

13. Ghalhekk fil-kaz odjern, ma kienx hemm il-htiega legali li qabel ma l-atturi, l-ahwa Farrugia, li huma maggjorenni, jipprocedu gudizzjarjament sabiex jesigu manteniment minghand il-konvenut, huma jsegwu l-procedura ta' medjazzjoni fit-termini tal-Avviz Legali fuq citat.

14. Il-konvenut jikkonkludi dan l-aggravju billi jghid li dak li hu *"ried jikkontesta … kien il-punt illi l-ulied ma kellhomx jintavolaw kawza kontra missierhom sabiex jitolbu lil ... Qorti tivversa manteniment ghalihom stess imma kellha tkun l-omm illi taghmel dan."* Hu jsostni li, ladarba l-omm kienet qed taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-ulied il-proceduri kellhom isiru minnha biss u mhux mill-ulied ukoll.

15. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa zbaljat u jmur direttament kontra dak li jghid l-Artikolu 3B, ghax ghandu jirrizulta car li l-fatt li l-attrici Mariella Azzopardi qed tkun kostretta tmanti lill-ulied tal-partijiet wahedha minhabba l-inadempjenza da parti tal-konvenut li bhala genitur jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-ulied, m'ghandux jimmilita kontra d-dritt moghti *ex lege* tal-ulied li dawn jagixxu f'isimhom kontra l-konvenut missierhom ghat-twettieq tal-obbligu tieghu kontemplat fl-artikolu fuq citat.

16. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament infondat u qed jigi michud

*It-Tieni Aggravju*

17. Dan hu fis-sens li l-atturi ma gabux l-ahjar prova li setghu jgibu tal-fatt allegat minnhom li huma kienu qed isegwu kors universitarju *full-time*. Jissenjala li kulma pprezentaw l-ahwa Farrugia in sostenn ta' dak il-fatt huma emails li juru li bdew il-korsijiet rispettivi taghhom u ittra minghand ir-Rettur indirizzata 'Dear Graduand' li, ghalkemm prezentata mill-attrici Martina Farrugia, fiha ma kien hemm ebda referenza ghal isimha.

18. Il-konvenut jiccita l-Artikolu 560 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kif ukoll kazistika lokali sabiex jissottometti illi quddiem l-ewwel Qorti kellha tingieb l-ahjar prova disponibbli. L-atturi setghu ressqu rapprezentant tal-Universita` ta' Malta sabiex jikkonferma li l-ahwa Farrugia kienu ghadhom isegwu kors universitarju qabel ma ghalqu t-tlieta u ghoxrin sena. Jghid li kieku ghamel xi kontro-ezami dan kien jippregudika l-posizzjoni tieghu, stante li l-atturi ma ressqux l-ahjar prova. Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellghu ebda prova ohra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti

prezentati minnhom.

19. L-atturi jilqghu ghal dan l-aggravju billi jghidu illi, filwaqt li l-appellant injora l-proceduri, ma gab ebda prova, u lanqas indenja ruhu jaghmel kontro-ezami wiehed, issa qed jilmenta illi fil-kawza ma ngabitx l-aqwa prova li l-ulied kienu qed jistudjaw full-time l-universita`. Jissottomettu li tezisti wkoll ir-regola li l-provi jistghu jsiru bil-mezzi kollha konsentiti mil-ligi, u f'dal-kaz saru f'affidavit tal-atturi u l-verzjoni taghhom baqghet ma gietx kontradetta bi provi li juru l-kuntrarju. Jekk il-Qorti kienet fic-certezza morali li dak li ngieb quddiemha kien sufficjenti, il-kwistjoni tal-aqwa prova ma tqumx. L-Artikolu 560 jghid specifikament illi huwa fil-poter tal-Qorti li ma tippermettiex provi li hi tikkonsidra li ma humiex l-aqwa provi, u ghalhekk fil-kaz odjern, il-Qorti qieset li l-verzjoni guramentata inkontestata taghhom kienet prova bizzejjed biex tistrieh fuqha.

20. Jghidu wkoll li a skans ta' dubju, in ottempranza mal-Artikolu 145 tal-kodici fuq citat huma annettew mar-risposta taghhom tliet dokumenti li huma dikjarazzjonijiet ufficjali mahrugin mil-Universita` ta' Malta li jixhdu li l-ahwa Farrugia kienu (u fil-kaz ta' Keith Farrugia ghadu) studenti full-time.

21. Din il-Qorti fl-ewwel lok ser titratta t-talba maghmula mill-konvenut ghall-isfilz tal-imsemmija dokumenti annessi mar-risposta taghhom. Fir-rigward ta' dokumenti annessi mal-atti fi stadju ta' appell din il-Qorti tirribadixxi l-osservazzjoni maghmula fil-kaz *App.S 65/77* **Salvina Fenech et v. Emanuela Mifsud**, deciz fis-27 Frar 2015:

> "li [kif] osservat fil-kawza *Emanuel Zammit v. Charles Polidano*, deciza fil-31 ta' Jannar 2014, li "filwaqt li huwa minnu li parti appellanti tista' tressaq dokumenti mal-appell taghha, dawn id-dokumenti m'ghandhomx ikunu provi godda li setghu facilment gew prodotti fl-ewwel istanza, ghax kif qalet din il-Qorti fil-kawza ***Schembri v. Schembri*** deciza 22 ta' Frar 2013: 'il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni, intiza sabiex tirrevedi dak li jkun sar quddiem l-ewwel Qorti, u mhux li tisma' provi godda li setghu gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti'. Il-provi kollha jridu jingiebu quddiem l-ewwel Qorti, u jekk parti tonqos li taghmel dan, ma tistax, wara s-sentenza, tipprova tressaq provi godda biex twaqqa' l-argumenti li l-ewwel Qorti, fuq il-provi prodotti, uzat biex waslet ghall-konkluzjoni taghha". [ara wkoll digriet moghti fit-28 ta' April 2014 fil-kawza fl-ismijiet [App. 418/2005] ***Olive Gardens Investments Limited vs Salvu Farrugia et*]**

22. Ferm il-premess il-Qorti tosserva li d-dokumenti annessi mar-risposta tal-atturi appellati, apparti milli mhumiex konfermati bil-gurament, huma dokumenti li, minkejja li jgibu d-data tat-2 ta' Mejju 2016 jirreferu ghal edukazzjoni terzjarja tal-atturi ahwa Farrugia fis-snin 2013 u 2014, u ghalhekk setghu facilment gew ottenuti u prezentati matul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Ghaldaqstant din il-Qorti, ghalkemm mhux ser tordna l-isfilz taghhom, ma tqisx li ghandhom jinghataw valur probatorju f'dan l-istadju u ser tiskartahom.

23. Rigward il-meritu tal-aggravju, din il-Qorti tibda billi taghmel

referenza ghas-sentenza taghha tat-12 ta' Frar 2016, fl-ismijiet *Joseph Demicoli et vs Angelic Mifsud pro et noe,* fejn gew enuncjati s-segwenti principji legali dwar il-materja tal-prova:

> "21. Fl-ewwel lok jigi ribadit li l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim'istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji jew ghax l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha [App. Civ. Emanuel Cardona et v. Dr Graham Busuttil, deciz 10 Jannar 1995].
>
> "22. Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed li jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta". [App. Superjuri Paul Formosa v. Salvu Debono, deciz 5 Ottubru 2001; App. Moviment Azzjoni Socjali v. Noel Borg, deciz 18 Lulju 2014].
>
> "23. Fit-tieni lok, huwa ritenut fil-gurisprudenza nostrana li "l-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza mill-kamp kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibbilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita` civili". [Prim'Awla Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo u Gaetana Rizzo, deciz 28 ta' April, 2004].
>
> "24. Ghalhekk minkejja provi kontrastanti li jista' jkollha quddiemha l-Qorti, ghandu jsir ezami tal-istess provi bil-ghan li jigi determinat jekk abbazi tal-verosimiljanza u fuq bilanc ta' probabbilitajiet, ghandhiex tigi accettata bhala veritiera verzjoni ta' parti jew ohra, jew jekk il-konflitt fil-provi humiex tali li ma jistax iwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

24. Il-Qorti tosserva li l-vertenza in dizamina hija bazata fuq id-determinazzjoni tal-punt jekk l-atturi ressqux prova sodisfacenti ta' dak allegat minnhom, jigifieri li huma baqghu studenti *full time* oltre l-eta` magguri, u li ghalhekk kienu intitolati jitolbu manteniment minghand missierhom ukoll.

25. In sostenn tal-pretensjoni taghhom, l-atturi pprezentaw l-affidavits taghhom[21] fejn stqarru illi huma studenti tal-universita` *full time*, li ghandhom stipendju ta' €85.45 kull wiehed, u li ghall-bzonnijiet taghhom jiddependu minn ommhom l-attrici Mariella Azzopardi. Ipprezentaw ukoll tliet dokumenti[22] li jindikaw li l-ahwa Farrugia iskrivew ruhhom f'kors gewwa l-Universita` ta' Malta u li l-attur Keith Farrugia hallas xi flus biex ikompli l-istudji tieghu ghas-sena 2014/2015 u Dok MFX[23] li hija ittra tar-Rettur tal-Universita` ta' Malta li tindirizza lawreat gdid, u li skont l-atturi tindika li l-attrici Martina Farrugia spiccat l-istudji taghha fl-Universita` ta' Malta.

26. Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm ebda wiehed mid-dokumenti ma huwa guramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi ahwa Farrugia illi fiha bil-gurament taghhom jikkonfermaw illi huma baqghu studenti *full time* wara li ghalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ipprezentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi sufficjenti sabiex fuq bazi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jezistu c-cirkostanzi stabbiliti fil-gurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-

[21] Vide affidavit ta' Martina Farrugia a fol 28 u affidavit ta' Keith Farrugia a fol 29
[22] Fol 45-47
[23] Fol 51

ewwel Qorti fir-rigward.

27. Il-konkluzjoni premessa ssib ukoll konfort fil-fatt li mill-atti jirrizulta li, minkejja diversi differimenti moghtija lill-konvenut mill-ewwel Qorti sabiex dan iressaq il-provi tieghu jew jikkontroezamina x-xhieda tal-atturi dan baqa' passiv u ma ressaq ebda prova diretta biex tikkontrasta l-provi tal-atturi, u dan minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 l-kawza kienet giet differita *"ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenut u jekk jibqa' ma isir xejn il-Qorti ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li ghandha."*[24]

28. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tichad l-appell fl-intier tieghu u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df

[24] Fol. 52